**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament eżekuttiv**
**Numru 1100/2024/1 fl-ismijiet**

***INDIS Malta Ltd***
***vs***
***Homestar Furniture Limited***

**Illum l-1 ta' Awwissu 2024**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ta' Peter Farrugia** preżentat fil-15 ta' Luilju 2024

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema fil-waqt li ordnat in-notifika lill-partijiet l-oħra bi żmien għar-risposta, appuntat ir-rikors għas-smigħ.

Rat ir-risposta tas-soċjeta Indis Malta Ltd permezz ta' liema opponew it-talba.

Rat li s-soċjeta Homestar Furniture Limted għalkemm li ma preżentatx risposta iddikjarata li hija żgumbrat mill-fond in kwistjoni u li m'għandha l-ebda interess f'dawn il-proċeduri.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-mandat f'l-ismijiet premessi nħareġ bl-għan li s-soċjeta Homestar Furniture Ltd tiġi żgumbrata mill-fond ossia fabbrika 51A fil- Qasam Industrijali ta' Ħal-Luqa.

Illi mir-rikors odjern u mis-sottomissjonijiet jidher li r-rikorrent qed jibbaża t-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat fuq l-allegazzzjoni li n-notifika tal-mandat lill-Homestar Furniture Limited hija nulla peress li saret lilu u mhux lill-imsemmija soċjeta. Jgħid ukoll li huwa ma jirrapreżentax lil Homestar Furnitire Ltd u għalhekk la jista jaċċetta

notifiki f'isimha u lanqas jista' jikkonsenja ċwievet tal-fond lill-marixxal (kif mitlub) għaliex huwa ma jirrapreżentax lil Homestar Furniture Ltd.

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li l-proċedura skond l-imsemmi artikolu 281 hija essenzjalment limitata għal dak li jista' jirriżulta mill-mandat innifsu. Fil-fatt fis-sentenza mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza mgħotija fit-13 ta' Lulju 20108 fil-kawża f'l-ismijiet ***Avv Dr Robert Zammit vs Pierre Falzon et*** intqal hekk:

*Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija ċara u kostanti. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawża* **Pace v. Sultana** *intqal li:*

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma'* ***xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, <u>il-parti eżekuttata</u> tbati preġudizzju****. ... ...*

*... ... Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12.*

Illi l-Qorti tirrikonoxxi li l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti dritt lill-persuni interessati li mhumiex l-eżekutat li jagħmlu talba għat-tħassir ta' mandat eżekuttiv, pero biex talba minn "persuna interessata" issostni talba simili trid turi x'inhu dan l-interess.

Illi kif intqal ir-rikorrent qed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-fatt li n-notifika tal-mandat lill-eżekutat hija nulla; ma jagħti l-ebda raġuni oħra li minnha l-Qorti tista' tislet xi interess li a bażi tiegħu jista' jsostni t-talba odjerna.

Illi jekk hemm x'ilment x'jsir dwar in-notifika tal-mandat lis-soċjeta eżekutata u jekk din saritx skond il-liġi dan kellha tressqu s-soċjeta eżekutata.

Illi fuq kollox ma intweriex li hemm *xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu.*

Illi in vista tas-suespost ma jirriżultax li hemm raġuni valida biex il-mandat in eżami jiġi mħassar.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talba tar-rikorrenti** għat-tħassir tal-mandat eżekuttiv ta’ żgumbrament f’l-ismijiet premessi, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**